# ŻFINMALTA

NATIONAL DANCE COMPANY



**2023/24**

*FULJETT STAĠUN*

ŻFINMALTA

NATIONAL DANCE COMPANY

# 2023/24

*FULJETT STAĠUN*



## Il-Missjoni Tagħna

ŻfinMalta, il-Kumpanija Nazzjonali taż-Żfin, taħt id-Direzzjoni Artistika ta' Paolo Mangiola, hi ensemble ta' talent u adattabbli ta' żfin b'diversità ta' ilħna kreattivi li jirriflettu ħafna mill-influwenzi li jiffurmaw il-Malta tal-lum. Kull programm ta' staġun jagħti lill-udjenzi esperjenza ġdida ta' żfin. Il-produzzjonijiet, programmi tal-edukazzjoni u parteċipazzjoni, u attivitajiet online, iwessgħu l-fruntieri u jġibu l-aqwa koreografi, żeffiena u artisti kemm lokali, kif ukoll internazzjonali.

ŻfinMalta tipprovdi spazju sabiex l-artisti jiżviluppaw u jieħdu riskji, b'mod li tikkontribwixxi għall-ekoloġija ta' żfin miftuħa u wiesgħa f'Malta u internazzjonalment, u tipprovdi opportunitajiet lil professjonisti ta' żfin aspiranti, emerġenti u stabbiliti biex jirrikonoxxu l-potenzjal tagħhom u jiltaqgħu ma' udjenzi u komunitajiet.

Xogħlna jistieden lill-udjenzi sabiex jikkontemplaw u jgħarblu d-dinja kontemporanja tagħna, bl-ambizzjoni li narrikkixxu l-ħajjiet ta' dawk li jinteraġixxu mal-kumpanija – kemm jekk huma kollaboraturi, kif ukoll jekk huma spettaturi u parteċipanti.



## Mill-Kap Eżekuttiv

Huwa bi pjaċir li qed nippreżentaw l-ewwel programm ta' ŻfinMalta taħt l-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva (NAPA), aġenzija ġdida li tgħaqqad lil ŻfinMalta, TeatruMalta u KorMalta fuq livell amministrattiv, legali u organizzattiv.

ŻfinMalta kienet l-ewwel kumpanija nazzjonali li ġiet stabbilita minnhom it-tlieta, hekk kif għandna l-għan li nkomplu niżviluppaw is-settur ta' żfin kontemporanju fuq livell lokali, waqt li nkomplu nibnu fuq il-profil internazzjonali b'saħħtu tal-Kumpanija.

Il-programm ta' dan l-istaġun għal darb' oħra se jkollu siltiet rinomati ta' ŻfinMalta, bħal ŻfinDays u Intimate Żfin, kif ukoll il-programmi edukattivi tagħha, li jservu bħala għodda essenzjali biex inkomplu nxerrdu ż-żfin mhux biss fis-settur kulturali u kreattiv, imma lil hinn minnu wkoll.

Dan il-programm jinkludi wkoll xogħlijiet ma' artisti rinomati bħal Trevor Żahra, The New Victorians, u Alexandra Alden, hekk kid nixtiequ li nkomplu nuru sinerġiji differenti jiġu ppreżentati permezz taż-żfin.

Aħna nittamaw li tingħaqdu magħna u tieħdu gost b'dak li għandha lest għalina ŻfinMalta.

**Dominic Galea,**
**Kap Eżekuttiv, NAPA**





## Id-Direttur Artistiku

Huwa unur u privileġġ li nintroduċu l-istaġun 2023/24 tagħna. ŻfinMalta qed tibda l-vjaġġ lejn l-10 anniversarju tagħha u ma nistax inkun aktar kburi b'dak li ksibna, b'mod partikulari f'dawn is-seba' snin ta' sodisfazzjon bħala d-Direttur Artistiku. L-attenzjoni tagħna għal dan l-istaġun tmur fuq il-kunċett ta' vjaġġ u l-esplorazzjoni bħala ċittadini kurjuzi ta' din il-pjaneta sabiħa u kumplessa li ngħixu fuqha. Aħna ndawru lilna nfusna b'xogħlijiet ġodda li jmissu mat-tradizzjoni u l-umoriżmu, rakkonti, u fantażija; xogħlijiet li joffru tama, faraġ u spazju għar-riflessjoni u emozzjoni. Waħda mill-intenzjonijiet tal-arti hi li tipprevedi l-futur, bl-għodod żviluppati minn artisti fil-preżent. Il-programm ta' dan l-istaġun hu mimli b'ilħna stabbiliti li josservaw u jiġbru aspetti tad-dinja mill-perspettiva tagħhom, b'mod li jagħtu lura xogħol li jkun poetiku u b'saħħtu.

Hekk kif dan huwa l-aħħar staġun tiegħi ma' ŻfinMalta, nixtieq l-ewwel nirringrazzja liż-żeffiena li ħadmu miegħi u kellhom rwol essenzjali fl-iżvilupp tal-kumpanija, kif ukoll lit-tim tiegħi, u l-artisti u l-kollaboraturi kollha li f'dawn l-aħħar seba' snin ġabu lil ŻfinMalta f'post fejn l-għarfien u r-riskju huma mxerrda, u fejn l-arti hi magħmula. Nixtieq ukoll nirringazzja lilkom l-udjenza dejjem tikber tagħna. Il-kurżità u l-fiduċja tagħkom hi testment għall-kwalità u s-suċċess ta' xogħlna. Fl-aħħar, nixtieq naqsam kwotazzjoni mill-wieħed mill-awturi favoriti tiegħi, Carl Sagan: "Il-kitba naħseb hi l-ikbar invenzjoni umana, li torbot lin-nies flimkien, ċittadini ta' żminijiet differenti, li ma kinux jafu lil xulxin. Il-kotba jkissru l-manetti taż-żmien – evidenza li l-umani jistgħu jaħdmu l-maġija." F'dan il-każ, nistaqsikom biex tibdlu *kitba* ma' *żfin* u *kotba* ma' *koreografiji*. Gawdu dan il-vjaġġ ġdid!

**Paolo Mangiola**




# WERREJ


## 01 PRODUZZJONIJIET

OTT 2023
**Aerial** ........................ 10
Bħala parti min-Notte Bianca 2023
*Koreografija ta' Paolo Mangiola*

DIĊ 2023
**Ħolm tal-Milied?** ........................ 12
Spettaklu tal-Milied ma' The New Victorians
*Koreografija ta' Adriano Bolognino*

FRA 2024
**ŻfinDays 2024**
**Żewġ spettakli** ........................ 14
*Koreografija ta' Ambra Senatore u Mauro Bigonzetti*

MAR 2024
**Intimate Żfin** ........................ 16
Bħala parti mill-maltabiennale.art 2024
Ma' Alexandra Alden u l-band tagħha
*Koreografija ta' Paolo Mangiola*

APR 2024
**Dances for Gozo**
**Żewġ spettakli** ........................ 17
*Koreografija ta' Mauro Bigonzetti u Lesley Telford*

MEJ 2024
**Geographers of Solitude** ........................ 18
Koproduzzjoni bejn ŻfinMalta u Ballet D'Jerri
*Koreografija ta' Paolo Mangiola*

ĠUN 2024
**Voices At The End**
**Żewġ spettakli** ........................ 19
Twisting Landscapes, Voices at The End
Bħala parti mill-Malta International Arts Festival
*Koreografija ta' Paolo Mangiola*

## 02 ŻJAJJAR TA' ŻFINMALTA

**Skeda taż-żjajjar internazzjonali** ... 22
Ħarsa lejn l-iskeda taż-żjajjar internazzjonali ta' ŻfinMalta

## 03 SENSIBILIZZAZZJONI

FRA 2024
**Toi Toi - Serje Baby to the Moon** ........................ 26
Kollaborazzjoni bejn Toi Toi u ŻfinMalta

**ĊaQLaQ - programmi tal-iskola għas-sensibilizzazzjoni** ........................ 26
Immexxija miż-żeffiena tal-kumpanija ŻfinMalta

**Sessjonijiet ta' taħriġ dwar Moviment Kreattiv** ........................ 27
Żvilupp professjonali u attivitajiet ta' bini tat-team magħmulin apposta

## 04 EDUKAZZJONI

**Klassijiet Miftuħa tal-Kumpanija** ........................ 30
Immexxija minn koreografi u artisti ta' żfin lokali u internazzjonali

**Intensivi ta' Żfin** ........................ 30
sessjonijiet ta' ħidma dwar il-moviment, intensivi, u opportunitajiet ta' taħriġ fuq it-teknika

**Iżfen ma' ŻfinMalta** ........................ 31
Klassijiet Komunitarji ta' filgħaxija għal kulħadd

## 05 PARTEĊIPAZZJONI

**Movimento** ........................ 34
Serje ta' taħdidiet interattivi pubbliċi mill-perspettiva ta' esperti lil' hinn miż-żfin

**Provi miftuħa** ........................ 35
Nieħdu l-udjenzi wara l-kwinti waqt il-proċess ta' kreazzjoni

## 06 ŻVILUPP TAL-ARTISTI

**AiR2024** ........................ 38
Programm ta' artist f'residenza

## 07 RIŻORSI ONLINE

**Żfin Stories** ........................ 42
Filmati fuq l-għamla taż-żfin

**Żfin Blinks** ........................ 42
Filmati fuq stejjer taż-żfin

**ŻfinMalta Podcasts** ........................ 42
Konverżazzjonijiet fuq iż-żfin



“

*XOGĦLNA JISTIEDEN LILL-UDJENZI SABIEX JIKKONTEMPLAW U JGĦARBLU D-DINJA KONTEMPORANJA TAGĦNA*

# 01

*PRODUZZJONIJIET*



# AERIAL

**BĦALA PARTI MIN-NOTTE BIANCA 2023**
**DATA:** 7 TA' OTTUBRU 2023
**POST:** KAMRA TAL-KUMMERĊ, IL-BELT VALLETTA

F'dan il-proġett ġdid ikkummissjonat min-Notte Bianca, id-Direttur Artistiku u koreografu Paolo Mangiola jikkollabora mal-pjanista Tricia Dawn Williams, fejn jesploraw l-idea ta' ħarsa ġenerali minn fuq u xi tfisser meta tesperjenza ż-żfin minn dan l-angolu. Permezz tal-mużika ta' tlett kompożituri kontemporanji rinomati, John Cage, John Adams u Ezio Bosso, kompożizzjonijiet intrikati għall-pjanu, marbutin ma' koreografiji delikati fuq skala qasira. B'ispirazzjoni mill-perspettiva li tintuża fiċ-ċinema, dan ix-xogħol jesplora djalogu differenti bejn iż-żfin u l-mużika, muri minn perspettiva fl-arja.

*Ikkummissjonat min-Notte Bianca.*
*Wieħed jista' jattendi għal prova miftuħa fit-30 ta' Settembru 2023 bla ħlas.*

**TUL:** 20 minuta, spettaklu li jittella' kull siegħa
**ETÀ:** 5+

**TIM TAL-PRODUZZJONI**
**Koreografija:** Paolo Mangiola
**Ballet Master:** Florinda Camilleri
**Mużika:** John Cage: In a Landscape, John Adams: China Gates, Ezio Bosso: Following a Bird
**Pjanu Live:** Tricia Dawn Williams
**Disinn tad-dawl:** Dali Aguerbi
**Kostumi:** Paolo Mangiola



# ĦOLM TAL-MILIED?

**SPETTAKLU TAL-MILIED MA' THE NEW VICTORIANS**
**DATI U ĦIN:** 15/16/17 U 19/20/21/22 TA' DIĊEMBRU 2023, 19:30
**POST:** VALLETTA CAMPUS THEATRE

ŻfinMalta tippreżenta l-ewwel produzzjoni tal-Milied tagħha bid-direzzjoni u mużika oriġinali mtella' live minn The New Victorians, u b'koreografija ta' Adriano Bolognino. Dan il-proġett dinamiku ġdid huwa addatament ta' żfin u teatru tal-ktieb tal-Milied, *Ħolm tal-Milied?* ta' Trevor Żahra, storja klassika li ħafna jafu u jħobbu mit-tfulija, u li jkomplu jgħadduha lill-ġenerazzjoni li jmiss. 'Ħolm tal-Milied?' hija esperjenza mimlija għal familja kollha, li tieħu l-udjenza fuq vjaġġ nostalġiku waqt li jgħaqqad tradizzjonijiet Maltin ma' partitura mużikali kontemporanja friska u estetika. Victor Jacono, kollaboratur regolari, ħa ħsieb tad-drammaturġija, u ŻfinMalta tikkollabora għall-ewwel darba mad-disinjatur tas-set Anna horvath u Laurent Uyttersprot għal kostumi.

The New Victorians huma duo magħmula minn żewġt aħwa, rinomati u ta' profil għoli li jagħmlu l-mużika u t-teatru. Mill-2015, huma ħarġu żewġ albums u bosta EPs, kienu l-ftuħ għal artista Anastacia waqt l-Evolution Tour tagħha, u kif ukoll għall-BBC Concert orchestra fl-2019, waqt li ripetutament ikunu fil-quċċata tal-klassifika lokali.

Il-portafoll estensiv ta' kisbiet ta' Adriano Bolognino jinkludi li hu reċipjent tal-premju Danza&Danza Emergent Choreographer Award 2022, kreazzjonijiet ġodda għal Kayzer Ballet fl-2023 u għal Compagnia Opus Ballett fl-2022. Hu ġie magħżul mill-European Dance Network Aerowaves, u fl-2020 il-Bjiennali ta' Venezja kkummissjonah biex joħloq *Your body is a battleground.*

*Ixtri l-biljett tiegħek u ejja għall-Prova Miftuħa fit-2 ta' Diċembru 2023 bla ħlas.*

**BILJETTI:** showshappening.com
**TUL:** 70 minuta
**ETÀ:** 5+

*Ibbażat fuq il-ktieb Ħolm tal-Milied? Ta' Trevor Żahra.*
*Ippubblikat f'Malta mill-Merlin.*
*Bl-appoġġ tal-Istitut Kulturali Taljan tal-Belt Valletta.*

**TIM TAL-PRODUZZJONI**
**Direzzjoni artistika, partitura oriġinali u spettaklu live:** The New Victorians
**Koreografija:** Adriano Bolognino
**Drammaturgu:** Victor Jacono
**Ballet Master:** Florinda Camilleri
**Disinn tas-set:** Anna Horvath
**Kostumi:** Laurent Uyttersprot
**Disinn tad-dawl:** Dali Aguerbi
**Artist tal-karta:** James Dimech

# ŻFINDAYS 2024

**ŻEWĠ SPETTAKLI: CANTATA, ARINGA ROSSA .10**
**DATI U ĦIN:** 16/17/18 U 23/24/25 TA' FRAR 2024, 19:30
**POST:** VALLETTA CAMPUS THEATRE



## CANTATA

ŻfinMalta kburija li qed tippreżenta 'Cantata,' mill-inimitabbli Mauro Bigonzetti. 'Cantata' tagħti omaġġ lil kultura Taljana u t-tradizzjoni tal-mużika tagħha, popolari bl-akbar sens nobbli tal-kelma. Is-silta hi ispirata mill-mużika Taljana tas-sekli 18 u 19, minn ħanninin għal pizziche ta' Salento, b'tislima lejn is-serenati Naplitani. L-ilħna u l-mużika tal-kantati ta' Gruppo Musicale Assurd ilaqqgħu ż-żeffiena fl-atmosfera festiva tan-Nofsinhar tal-Italja, bil-ħsejjes tat-tanburlin u l-kastanjoli.

Mauro Bigonzetti (twieled fl-1960 f'Ruma) hu wieħed mill-aqwa żeffiena u koreografi Taljani. It-taħriġ tiegħu beda fit-Teatro dell'Opera di Roma fejn studja u ħadem mill-1972 sal-1983. Is-sena ta' wara ngħaqad ma' Aterballetto bħala żeffien fejn dam għal għaxar snin, wara li mexa biex jiffoka fuq il-koreografija. L-ewwel xogħol tiegħu 'Sei in Movimento' pie ppreżentat fl-1990. Fl-1997 laħaq Direttur Artistiku u Koreografu Prinċipali ta' Aterballetto, pożizzjoni li baqa' fiha sal-2007. Minn dak iż-żmien, għamel koreografiji għal bosta kumpaniji madwar id-dinja, fosthom the English National Ballet, Stuttgart Ballet, Staatsballet Berlin, Ballet del Teatro Argentino, New York City Ballet, u Ballet du Capitole de Toulouse. Fl-2016 hu dderieġa Corpo di Ballo del Teatro alla Scala. Reċentement għamel ukoll 'King Lear ma' Stuttgart Ballet', bil-parteċipazzjoni ta' Egon Madsen, u 'Madina' fit-Teatro alla Scala, bil-parteċipazzjoni ta' Roberto Bolle.

*Bl-appoġġ tal-Istitut Kulturali Taljan tal-Belt Valletta.*
*Ixtri l-biljett tiegħek u ejja għall-Prova Miftuħa fl-20 ta' Jannar 2024 bla ħlas.*

**TUL:** 30 minuta
**ETÀ:** 5+

**TIM TAL-PRODUZZJONI**
**Koreografija:** Mauro Bigonzetti
**Assistent koreografu:** Vincenzo Capezzuto
**Ballet Master:** Brenda Lee Grech
**Mużika:** Mużika oriġinali u tradizzjonali minn Assurd (L. Monti - C. Vetrone), Enza Pagliara u Enza Alessandra Prestia
**Disinn tad-dawl:** Carlo Cerri
**Disinn tal-kostumi:** Helena de Medeiros
**Ħajjat:** Louie Noir

## ARINGA ROSSA .10

F'din il-kollaborazzjoni ma' ŻfinMalta, il-koreografu Ambra Senatore terġa' żżur 'Aringa Rossa', li ġie maħluq bħala xogħol sħiħ fl-2014. B'attenzjoni fuq iż-żfin kurjuż u miftuħ, sintonizzat mal-esperjenza tal-koreografu u ż-żeffiena, 'Aringa Rossa' jaqbad l-istil kompożizzjonali ta' Senatore għall-estrem, b'mod li l-ħin kollu qiegħed iċaqlaq il-biċċiet ta' dan ix-xogħol b'mod li jinħoloq aktar stagħġib. Iż-żeffiena eventwalment jieħdu f'idejhom din il-koreografija metikoluża permezz ta' ħidma bil-ħiliet, logħob bir-regoli jinbidlu u xeni frammentati. Bil-parteċipazzjoni tal-assistent koreografu Vincent Blanc, dan l-addattament ta' 'Aringa Rossa .10' hu laqgħa bejn l-oriġinali ta' għaxar snin ilu, u l-personalitajiet taż-żeffiena.

Ambra Senatore ilha direttur taċ-Ċentru Koreografiku Nazzjonali f'Nantes mill-2016. L-istil taż-żfin tagħha jinsab fl-ispazju dejjaq bejn il-kostruzzjoni tal-azzjoni, il-finzjoni fil-provi, u l-verità tal-preżenza. Li tifred il-ġesti kollha hi xi ħaġa li tagħmel ta' kuljum, osservati taħt lenti, li hi ċċaqlaq u ddawwar sakemm il-ġest jiġi fittizju, sakemm iż-żifna tiġi teatrika, b'ħila għal sorpriżi, biċċiet, u b'mod li tfakkrek fiċ-ċinema.

*Bl-appoġġ tal-Ambaxxata Franċiża f'Malta u l-Istitut Kulturali Taljan tal-Belt Valletta.*
*Ixtri l-biljett tiegħek u ejja għall-Prova Miftuħa ft-3 ta' Frar 2024 bla ħlas.*

**TUL:** 30 minuta
**ETÀ:** 5+
**BILJETTI:** zfinmalta.org

**TIM TAL-PRODUZZJONI**
**Koreografija:** Ambra Senatore
**Assistent koreografu:** Vincent Blanc
**Mużika oriġinali:** Igor Sciavolino
**Disinn tad-dawl oriġinali:** Fausto Bonvini
**Disinn tad-dawl f'Malta:** Dali Aguerbi
**Disinn tal-kostumi:** Roberta Vacchetta
**Ħajjat:** Holly Knowles
**Fotografija:** Viola Berlanda





# INTIMATE ŻFIN

**BĦALA PARTI MILL-MALTABIENNALE.ART 2024**
**DATI U ĦIN:** 15/16 TA' MARZU 2024, 19:30
**POST:** GRAN SALON, MUŻEW TAL-ARKEOLOĠIJA, IL-BELT VALLETTA

Intimate Żfin hu fejn il-mużika tiltaqa' maż-żfin f'postijiet mhux tas-soltu. Hija opportunità li naraw iż-żeffiena straordinarji tal-kumpanija mill-viċin, f'serje ta' koreografiji qosra maħluqa mid-Direttur Artistiku ta' ŻfinMalta, Paolo Mangiola. Intimate Żfin hi serje ta' żfin li joħolqu djalogu bejn il-koreografija, il-mużika u l-arkitettura. Alexandra Alden u l-band tagħha se jkunu qed jagħtu spettaklu live fl-ispazju, hekk kif se jiffukaw fuq it-temi ta' temi ta' appartenenza, id-dar, u li taffaċċja dak li ma tafx. Id-diski huma mid-diskografija ta' Alden, l-albums 'Wild Honey' (2018) u 'Leads to Love' (2021), u xi siltiet mill-album il-ġdid li ġej tagħha. Il-band hi magħmula minn mużiċisti kemm Maltin u kemm Olandiżi, li Alden ikkollaborat magħhom matul is-snin.

*Ippreżentat bħala parti mill-maltabiennale.art 2024.*
*Ixtri l-biljett tiegħek u ejja għall-Prova Miftuħa fid-9 ta' Marzu 2024 bla ħlas.*

**BILJETTI:** zfinmalta.org
**TUL:** 60 minuta
**ETÀ:** 5+

**TIM TAL-PRODUZZJONI**
**Koreografija:** Paolo Mangiola, b'kollaborazzjoni maż-żeffiena
**Kostumi:** Julia Boikova
**Mużika:** Alexandra Alden – kant u kitarra akustika; Daniel Van Der Duim – keyboards, vuċi ta' akkumpanjament, u samples; Juriaan De Kok – baxx akustiku u elettroniku; Luke Briffa – drums; Jimmy Bartolo – kitarra elettrika u effetti
**Disinn tad-dawl:** Moritz Zavan Stoeckle



# DANCES FOR GOZO

**ŻEWĠ SPETTAKLI: CANTATA, FLESH AND STONE**
**DATI U ĦIN:** 6 TA' APRIL 2024, 20:00
**POST:** TEATRU AURORA, GĦAWDEX

## CANTATA

**KOREOGRAFIJA TA' MAURO BIGONZETTI**

*(irreferi għal paġna 14)*

## FLESH AND STONE

Ispirat mit-tempji ta' Għawdex, dan ix-xogħol ġdid maħluq mill-koreografu Kanadiż Lesley Telford jesplora l-eku u l-kobor tal-influwenzi ta' ommijietna. Permezz tal-faxxinu tagħha bil-miti tal-ġganti tal-Ġgantija tal-passat tagħna, Telford timmaġina kif il-qawwa ta' dawk li ġew qabilna tidher super-umana. Billi jibda billi jħares lejn l-immaġni tal-alla omm, ix-xogħol jistaqsi: Kif aħna noqgħodu fil-fdalijiet akbar mill-ħajja tal-passat tagħna, u kif il-ħajjiet regollari, fallimenti u stejjer tagħna jirrelataw mal-immaġni tal-omm kolossali?

Lesley Telford hi koreografu bbażata f'Vancouver u Direttur Artistiku ta' Inverso Productions. Ix-xogħol tagħha ġie deskritt bħala li għandu 'mod profond ta' kif tidħol f'daħliet profondi ħafna tal-pajsaġġi emozzjonali u intellettwali tagħna'. Lesley żifnet ma' Les Grands Ballets Canadiens, Compañia Nacional de Danza fi Spanja, u Netherlands Dans Theater 1, fejn ħadmet ma' koreografi, fosthom Jiri Kylian, Paul Lightfoot u Sol Leon, William Forsythe, Ohad Naharin, Johan Inger, u Crystal Pite u oħrajn. Hija kkoreografat xogħlijiet ġodda għal Ballet BC, Les Grands Ballets Canadiens, Netherlands Dans Theater 1, Hubbard Street Dance Company 2, Compañia Nacional de Danza 2, Ballet Vorpommern, Pro Arte Danza, u Arts Umbrella Dance Company, fost l-oħrajn. Hija waqqfet Inverso Productions biex tesperimenta ma' forom ta' arti oħra u b'modi ta' kif toħloq żfin.

**TUL:** 30 minuta
**ETÀ:** 5+

*Dances for Gozo hi kkummissjonata mill-Ministeru għal Għawdex.*

**TIM TAL-PRODUZZJONI**
**Koreografija:** Lesley Telford
**Ballet Master:** Florinda Camilleri
**Composer:** Ruben Zahra
**Disinn tad-dawl:** Dali Aguerbi



# GEOGRAPHERS OF SOLITUDE

**DATI U ĦIN:** 24/25/26 TA' MEJJU 2024, 19:30
**POST:** TEATRU MANOEL

ŻfinMalta tingħaqad ma' Ballet D'Jerri, il-kumpanija nazzjonali taż-żfin ta' Jersey Island, f'xogħol ġdid mid-Direttur Artistiku ta' ŻfinMalta, Paolo Mangiola. Għoxrin żeffien jingħaqdu biex jesploraw dak li jgħaqqad dawn iż-żewġ gżejjer permezz tal-pajsaġġi ġeografiċi u kulturali distinti.

B'ispirazzjoni miċ-Ċirlewwa tal-Artiku, għasfur magħruf li għandu l-itwal mudell migratorju fuq id-dinja, 'Geographers of Solitude' hi konverżazzjoni fuq id-diversità, il-fraġilità ta' ilħna differenti u t-trawwim ta' armonija kollettiva. Hekk kif dawn iż-żewġt għasafar it-tnejn jistkennu fuq iż-żewġt igżejjer waqt il-vjaġġ tagħhom, iż-żeffiena fuq il-palk jesploraw kemm il-ħajja itineranti u fit-tul fuq gżira u l-interazzjoni dinamika bejn is-solitudni u l-komunità, fuq in-narattivi, individwali u kollettivi tagħna. Dan ix-xogħol jesplora l-kunċett tal-gżejjer bħala mikrokożmu tad-dinja inġenerali - ambjent magħluq fejn l-abitanti tagħha jiżviluppaw kulturi uniċi u modi ta' kif tiġi organizzata soċjetà.

*Koproduzzjoni ma' Ballet D'Jerri.*
*Ixtri l-biljett tiegħek u ejja għall-Prova Miftuħa fit-18 t ta' Mejju 2024 bla ħlas.*

**BILJETTI:** teatrumanoel.com.mt
**TUL:** 70 minuta
**ETÀ:** 8+

**TIM TAL-PRODUZZJONI**
**Koreografija:** Paolo Mangiola, b'kollaborazzjoni maż-żeffiena
**Disinn tad-dawl:** Dali Agreb
**Żeffiena:** ŻfinMalta u Ballet D'Jerri





# VOICES AT THE END

**ŻEWĠ SPETTAKLI: TWISTING LANDSCAPES, VOICES AT THE END**
**BĦALA PARTI MILL- MALTA INTERNATIONAL ARTS FESTIVAL**
**DATI U ĦIN:** 15 TA' ĠUNJU 2024
**POST:** TEATRU MANOEL

## TWISTING LANDSCAPES

Twisting Landscapes huwa xogħol chamber għall-klarinett, vjolin u pjanu miktub mill-Kompożitur Ġappuniż Makiko Kinoshita fl-2004. B'tul ta' 16-il minuta, il-kompożizzjoni għandha 3 movimenti, li jimxu ma' struttura ritmika atmosferika-ritmika. Bħala punt tat-tluq għal din is-silta, Mangiola ħares lejn l-immiġiba fractal u l-attività fin-natura. Il-pjanuri tal-partitura huma esplorati permezz tal-kompożizzjoni ta' trios, duets, u ensemble li jwasslu għal djalogu imprevedibbli mal-partitura tal-mużika.

**TUL:** 17-il minuta
**ETÀ:** 5+

**TIM TAL-PRODUZZJONI**
**Koreografija u Disinn tad-dawl:** Paolo Mangiola
**Mużika:** Makiko Kinoshita

## VOICES AT THE END

Ikkummissjonat mill-Malta International Arts Festival u b'koreografija ta' Paolo Mangiola, ix-xogħol 'Voices at the end' jieħu ismu mill-partitura tal-kompożitur Grieg John Psathas. Mangiola jesplora kif din il-partitura, ispirata mill-film *Planetary* tinforma ż-żfin fi djalogu bit-temi ta' sistemi ekoloġiċi u organiċi u l-bżonn tagħna li nimxu minn soċjetà mmexxija minn tkabbir industrijali għal waħda li ssostni l-ħajja. Permezz ta' dan id-djalogu intensiv bejn il-koreografija u l-mużika, 'Voices at the end' tgħaddi minn burdati differenti, minn pajsaġġi tal-ħolm għal ibliet, mill-astratt għal konkret, fejn joffri l-udjenza esperjenza li hi stupenda kemm koreografikament, kif ukoll mużikalment.

*Ikkummissjonat mill-Malta International Arts Festival.*

**BILJETTI:** teatrumanoel.com.mt
**TUL:** 30 minuta
**ETÀ:** 5+

**TIM TAL-PRODUZZJONI**
**Koreografija:** Paolo Mangiola
**Mużika:** John Psathas
**Żeffiena:** ŻfinMalta
**Kostumi:** Paolo Mangiola
**Disinn tad-dawl:** Dali Aguerbi



“

*ŻFINMALTA DDUR INTERNAZZJONALMENT B’XOGĦLIJIET MIR-REPERTORJU EĊĊEZZJONALI U ESTENSIV TAGĦNA*

# 02

*ŻJAJJAR TA’ ŻFINMALTA*





# ŻJAJJAR TA' ŻFINMALTA

ŻfinMalta ddur internazzjonalment b'xogħlijiet mir-repertorju eċċezzjonali u estensiv tagħna. Ara l-kumpanija ttella' spettakli f'dawn il-postijiet u festivals, li diġà huma kkonfermati għall-istaġun il-ġdid.

**GORIZIA DANCE FESTIVAL, ITALJA / SLOVENJA**
13 TA' OTTUBRU 2023
Girls & Boys, koreografija ta' Roy Assaf

**BELGRADE DANCE FESTIVAL, SERBJA**
9/10 TA' APRIL 2024
Utopia, koreografija ta' Emanuel Gat

**TEATRO ARIOSTO, REGGIO EMILIA, ITALJA**
17 TA' APRIL 2024
Utopia, koreografija ta' Emanuel Gat

**JERSEY ISLAND, UK**
7/8/9 TA' ĠUNJU 2024
Geographers of Solitude, koreografija ta' Paolo Mangiola

**Repertorju sħiħ:** zfinmalta.org/repertoire
**Biex tipprenota lil ŻfinMalta, ikkuntattja lill-produttur Nicole Bearman:** nicole.bearman@zfinmalta.mt.



“

*JAQSAM IL-QAWWIET TRANSFORMATTIVI TAL-MOVIMENT MAL-ISTUDENTI ŻGĦAR TA' MALTA*

# 03

*SENSIBILIZZAZZJONI*

# TOI TOI –
# BABY TO THE MOON SERIES

**KOLLABORAZZJONI TA' TOI TOI U ŻFINMALTA**
**DATI U ĦINIJIET:** 3 U 4 TA' FRAR 2024 / 09:30 U 11:00
**POST:** L-ISTUDIO TAT-TEATRU MANOEL

'Baby To the Moon' hu spettaklu ta' żfin iddisinjat speċjalment għal tfal ta' bejn 0 u 4 snin. Permezz ta' din il-kollaborazzjoni l-apprentisti żeffiena ta' ŻfinMalta u l-Artist għall-Edukazzjoni u s-Sensibilizzazzjoni jesploraw l-ispazju interplanetarju, fejn jieħdu l-udjenzi fi vjaġġ fejn jesperjenzaw il-ħajja lil hinn mid-Dinja u jippruvaw juru kif il-kobor tagħha jista' wkoll jgħina naprezzaw il-kobor tal-ħajja fi ħdanha. Bl-għan li nolqtu l-immaġinazzjoni billi nintroduċu l-għeġubijiet tal-ispazju, dan l-ispettaklu ta' żfin interattiv jieħu lill-udjenzi żgħar tiegħu fuq vjaġġ ħelu fis-sistema solari, lejn il-qamar u lil hinn.

**KAST:** Benjamin Spiteri u Marion Paquet
**KOREOGRAFIJA:** Martina Zammit

# ĊaQLaQ – PROGRAMMI TA' SENSIBILIZZAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL

Il-programm ta' ŻfinMalta għas-Sensibilizzazzjoni tal-Iskejjel, hu verament b'saħħtu dan l-istaġun, bl-għan li jaqsam il-qawwiet transformattivi tal-moviment mal-istudenti żgħar ta' Malta. Immexxi miż-żeffiena tal-kumpanija taħt id-Direzzjoni Artistika ta' Paolo Mangiola, il-programm ta' ŻfinMalta għall-Sensibilizzazzjoni tal-Iskejjel jieħu l-ogħla livell ta' żfin għall-istudenti ta' qabel il-primarja, tal-primarja, tas-sekondarja u wara s-sekondarja. Il-programmi huma mfassla għal studenti ta' kull età u ambitu, imwassla fis-sigurtà ta' klassi, u maħluqa b'riflessjoni tal-etika li ż-żfin hu mod ta' kif kulħadd jista' jesprimi u jesplora l-kreattività u l-immaġinazzjoni tagħhom.

**Ikkuntatja lil Martina Zammit, l- Artist għall-Edukazzjoni u s-Sensibilizzazzjoni biex tiddiskuti liem programm ta' ĊaQlaQ l-aktar li jaqbel għall-istudenti tiegħek u l-ambjent tagħhom:** martina.d.zammit@zfinmalta.mt.

# SESSJONIJIET TA' ĦIDMA TA' MOVIMENT KREATTIV

Is-sessjonijiet ta' ħidma ta' Moviment Kreattiv ta' ŻfinMalta huma perfetti bħala attività ta' bini tat-team għall-organizzazzjoni, grupp jew komunità tiegħek. Kull sessjoni ta' ħidma hi mfassla fuq il-ħiliet, sfond u l-età tal-parteċipanti u huma mmexxija b'mill-inqas żewġ żeffiena tal-kumpanija ŻfinMalta. Is-sessjonijiet ta' ħidma huma ċċentrati fuq il-'Kaxxa tal-għodda Koreografika' unika tagħna, li ġiet riċerkata u żviluppata bir-reqqa matul iż-żmien miż-żeffiena u d-Direttur Artistiku Paolo Mangiola, biex tintroduċi lill-parteċipanti mad-dinja taż-żfin u tgħinhom iħarsu aktar lejn ir-relazzjoni tagħhom li diġà teżisti maż-żfin. Is-sessjonijiet ta' ħidma ta' Moviment Kreattiv iħeġġu l-parteċipanti biex jaqsmu qalbhom di spazju sigur u kkurat, u jesploraw kunċetti ġodda mil-lenti tal-moviment.

**Ikkuntattja lil Martina Zammit, l- Artist għall-Edukazzjoni u s-Sensibilizzazzjoni biex titlob għal struttura jew proposta ta' sessjoni ta' ħidma dettaljata:** martina.d.zammit@zfinmalta.mt.






# 04

*EDUKAZZJONI*



Il-programmi ta' edukazzjoni u parteċipazzjoni għandhom l-għan li jipprovdu esperjenza ta' tisħiħ, tibdil u ta' bini ta' fiduċja għall-ġisem u l-moħħ. Għal avviżi u aġġornamenti tal-iskeda matul l-istaġun, żur zfinmalta.org u abbona għall-ittraħbar tagħna.

## KLASSIJIET MIFTUĦA TAL-KUMPANIJA

**DATI U ĦINIJIET:** ĠIMGĦA SĦIĦA, DARBA FIX-XAHAR, MIT-TNEJN SAL-ĠIMGĦA / 10:00 – 11:30
**POST:** L-ISTUDIOS TA' ŻFINMALTA, IL-BELT VALLETTA

Kull xahar, ŻfinMalta tiftaħ il-bibien tagħha fuq livell lokali u internazzjonali, għal artisti taż-żfin professjonali u studenti li qegħdin jagħmlu taħriġ vokazzjonali biex jingħaqdu maż-żeffiena ta' ŻfinMalta waqt il-prattika ta' filgħodu. Immexxija minn kast ta' għalliema venerati mistiednin mix-xeni lokali u internazzjonali, il-klassijiet huma varjati u ta' sfida, u jinkludu prattiċi somatiċi, kontemporanji, ballet u yoga. Il-klassijiet miftuħa tal-kumpanija ŻfinMalta jipprovdu spazju sigur u inklussiv għal żeffiena li jixtiequ jiżviluppaw aktar il-prattika professjonali, jagħmlu konnessjonijiet u jesperjenzaw il-ħajja fi ħdan il-kumpanija nazzjonal itaż-żfin. Il-klassijiet huma miftuħa għal żeffiena esperjenzati, kif ukoll għal dawk li jitħarrġu fuq livell vokazzjonali.

**ETÀ:** 18+
**PREZZ:** €10 għal kull sessjoni / €35 għal 5 sessjonijiet
**BIDU:** It-Tnejn 4 ta' Settembru 2023 / Ballet ma' Alessandro Bigonzetti

## INTENSIVI TAŻ-ŻFIN

**POST:** L-ISTUDIOS TA' ŻFINMALTA, IL-BELT VALLETTA

L-intensivi staġonali ta' ŻfinMalta jesponu lil żeffiena lokali u internazzjonali, aspiranti u professjonali, għal bosta tekniċi u taħriġ li jgħinu fl-appoġġ tal-iżvilupp tal-prattika individwali tagħhom. Huma wkoll opportunità biex wieħed jesperjenza r-repertorju ta' ŻfinMalta. L-intensivi huma mmexxija minn bosta esperti, fosthom Alessandro Bigonzetti u Robert Parker, li jiffukjaw fuq teknika partikolari tal-moviment. Dan l-istaġun jinkludi tekniċi somatiċi u kontemporanji għal parteċipanti mill-età ta' għaxar snin 'il fuq, waqt li s-sessjonijiet ta' taħriġ għal dawk li huma ġodda għaż-żfin joffru introduzzjoni għal tekniċi ta' moviment kreattivi.

**ETÀ:** 10+
**PREZZ:** pakketti jibdew minn €45 / sessjonijiet spontanji huma disponibbli minn €25 (ħlasijiet ta' prenotazzjoni japplikaw)
**BIDU:** Is-Sibt 2 ta' Settembru 2023 / Ballet ma' Alessandro Bigonzetti.
**SKEDA:** L-iskeda tal-Intensivi taż-Żfin tiġi mħabbra fuq il-mezzi soċjali, il-website u l-ittraħbar.

## IŻFEN MA' ŻFINMALTA: KLASSIJIET TA' FILGĦAXIJA GĦALL-KOMUNITÀ

**DATI:** KULL NHAR TA' TNEJN U TLIETA MINN SETTEMBRU 2023 SA LULJU 2024 (4 SESSJONIJIET FIX-XAHAR)
**ĦIN:** 19:00 – 20:30
**POST:** L-ISTUDIOS TA' ŻFINMALTA, IL-BELT VALLETTA

Iċċaqlaq ma' ŻfinMalta t-Tnejn u t-Tlieta filgħaxija waqt il-klassijiet taż-żfin għall-komunità, immexxija minn għalliema esperti. Miftuħa għal parteċipanti ta' kull livell ta' saħħa u flessibbiltà, dawn il-klassijiet divertenti u aċċessibbli jindirizzaw il-bżonn uman fundamentali li tiċċaqlaq. L-aktar ħaġa importanti, l-ebda esperjenza preċedenti fiż-żfin mhi meħtieġa.

**ETÀ:** 18+
**PREZZ:** €12 għal kull sessjoni / pakkett ta' kull xahar għal €40 (4 sessjonijiet) / pakkett ta' 4 xhur għal €140 (16-il sessjoni)
**IT-TNEJN:** Klassijiet tal-ballet immexxija minn Martina Zammit u Emma Walker
**IT-TLIETA:** Kontemporanju/Somatiku immexxija minn Zoe Camilleri, Florinda Camilleri, Julienne Schembri, u Rachel Calleja.
**BIDU:** It-Tnejn 4 ta' Settembru 2023 / Ballet ma' Martina Zammit
It-Tlieta 5 ta' Settembru 2023 / Kontemporanju ma' Zoe Camilleri




# 05

*PARTEĊIPAZZJONI*

# MOVIMENTO

**DATI:** 5 APPUNTAMENTI MATUL L-ISTAĠUN
**ĦIN:** 18:30 – 19:45
**POST:** L-ISTUDIOS TA' ŻFINMALTA, IL-BELT VALLETTA

Movimento hija serje ta' taħdidiet pubbliċi interattivi ppreżentati mill-perspettiva tal-artisti lil hinn miż-żfin, b'mod li jagħtu titwila 'l ġewwa. Movimento jagħti approċċ frisk u innovattiv fl-involviment tal-udjenza, fejn il-mistiednin huma mistiedna li jaqsmu l-esperjenza tagħhom ta' żfin jew moviment, b'mod li jagħmlu din il-forma tal-arti sabiħa aċċessibbli u jistiednu lill-udjenza biex ikunu spettaturi attivi.

Għal darb' oħra, f'dan l-istaġun se nistaqsu ħames artisti biex jużaw il-prattika tagħhom bħala lenti, biex jesploraw iż-żfin u l-proċess tal-koreografija. Preżentaturi tal-passat inkludew lil Alex Camilleri, Alexandra Pace, Lara Zammit, Scott de la Hunta, Michele Tufigno, Tom Van Malderen, Victor Jacono u Dr Michael Quinton. Ara ż-żfin jieħu l-ħajja permezz ta' dawn il-ħames ħassieba differenti hekk kif joħduk fuq vjaġġ ta' skoperta li jikxef kif id-disinni tal-koreografija jistgħu jinsabu madwarna.

**ETÀ:** Miftuħa
**PREZZ:** €5 għal kull sessjoni
(ħlasijiet ta' prenotazzjoni japplikaw)



# PROVI MIFTUĦA

**DATI:** 30 TA' SETTEMBRU 2023 (AERIAL, NOTTE BIANCA),
2 TA' DIĊEMBRU 2023 (ĦOLM TAL-MILIED?),
20 TA' JANNAR 2024(CANTATA),
3 TA' FRAR 2024 (ARINGA ROSSA .10),
9 TA' MARZU 2024 (INTIMATE ŻFIN),
18 TA' MEJJU 2024 (GEOGRAPHERS OF SOLITUDE)
**ĦIN:** 14:30 – 15:30
**POST:** L-ISTUDIOS TA' ŻFINMALTA, IL-BELT VALLETTA

Il-provi miftuħa jieħdu l-udjenzi wara l-kwinti tal-produzzjonijiet ta' ŻfinMalta waqt il-proċess tal-ħolqien tagħhom. Din hija opportunità rari biex wieħed jara x-xogħol qabel il-premier u jesperjenza l-proċess ta' x'jiġri biex tagħmel produzzjoni taż-żfin għall-palk. Ingħaqad magħna għall-provi miftuħa ta' kull produzzjoni matul dan l-istaġun, biex taraw ix-xogħol taż-żeffiena, u titlaqgħu ma ħafna kollaboraturi artistika li jagħtu ħajja lix-xogħol.

**PREZZ:** Ixtri l-biljett għall-ispettaklu u ppreżentah waqt is-sessjoni tal-Prova Miftuħa biex tidħol bla ħlas / jew ħallas €5 (ħlasijiet ta' prenotazzjoni japplikaw).



“

*MIFTUĦ GĦALL-ARTISTI BBAŻATI F’MALTA LI JAGĦMLU Ż-ŻFIN U L-KOREOGRAFIJA*

# 06

*ŻVILUPP TAL-ARTISTI*



# AIR2024 – ARTIST F'RESIDENZA

**DATI U ĦIN:** IS-SEJĦA TINFETAĦ FI FRAR 2024; RESIDENZI SE JSIRU FL-2024.
**POST:** L-ISTUDIOS TA' ŻFINMALTA, IL-BELT VALLETTA

Issa fil-ħames sena tiegħu, dan l-istaġun, il-programm ta' ŻfinMalta Artist in Residence (AiR) qed jagħti appoġ għal tliet residenzi. Miftuħ għall-artisti bbażati f'Malta li jagħmlu ż-żfin u l-koreografija, AiR huwa opportunità għall-artisti taż-żfin emerġenti biex jesploraw l-ideat tagħhom f'kuntest ġdid, u spazju għar-riċerka, l-esperimentazzjoni, teħid ta' riskji, u wkoll post fejn jiskopru modijiet ġodda biex jiżviluppaw u jippreżentaw ix-xogħol tagħhom. Filwaqt li l-koreografija hija l-esplorazzjoni ċentrali tar-residenza, dawk li huma ġejjin minn prattiċi oħra huma mħeġġa japplikaw.

**ĦLAS:** Ir-residenti magħżula se jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja minn ŻfinMalta bħala appoġġ għall-proġett tagħhom.



“ WARA L-KWINTI MAŻ-ŻEFFIENA TAL-KUMPANIJA TA’ ŻFINMALTA

# 07

*RIŻORSI ONLINE*




# ŻFIN STORIES

STEJJER TA' ŻFIN FUQ IL-FILM

Dan id-dokumentarju/ġurnata mill-ħajja taż-żeffiena - Żfin Stories jieħdok wara l-kwinti maż-żeffiena tal-kumpanija ta' ŻfinMalta. Din is-serje ta' ħames films qosra sinċiera, kommoventi u ġieli tad-daħk, ġew maħluqa b'kollaborazzjoni mad-direttur rinomat James Vernon. Kull episodju jara kemm l-esplorazzjoni tal-proċess ta' ħolqien artistiku u ħarsa lejn il-ħajjiet personali u professjonali taż-żeffiena b'tant talent tal-kumpanija ŻfinMalta.

# ŻFIN BLINKS

KIF INHU MAGĦMUL IŻ-ŻFIN

Qosra u b'saħħa bħalma qed jissuġġerixxi l-isem, ŻfinBlinks hija serje ta' vidjos dedikati għall-ħolqien taż-żfin. Kull episodju jesplora kif tintuża l-koreografija biex jinħoloq iż-żfin. ŻfinBlinks jinvestiga għodod koreografiċi differenti u l-iżvilupp tagħhom matul iż-żmien u permezz tal-analiżi ta' għażla ta' xogħlijiet minn solos għal duets, ensembles u kollaborazzjoni, jħares lejn kif jinħoloq iż-żfin.

# ŻFIN PODCASTS

KONVERŻAZZJONIJIET FUQ IŻ-ŻFIN

Din is-serje ta' podcasts għandha l-għan li titfa' dawl fuq il-bosta modijiet ta' kif iż-żfin jifforma parti minn ħajjitna, b'mod li jfakkarna li kulħadd għandu relazzjoni mal-moviment u kulħadd għandu esperjenza ta' żfin. Hija wkoll opportunità biex jingabru flimkien l-opinjonijiet, l-ideat u l-perspettivi tal-ħafna ilħna fl-ekoloġija kulturali tagħna. F'intervisti sinċiera mat-tim ta' ŻfinMalta, naraw ftit dwar il-ħajjiet u l-imħuħ taż-żeffiena u l-koreografi, kif ukoll ma' artisti li jaħdmu fuq dixxiplini oħra, dawk li jfasslu l-politika, kuraturi, kittieba, diretturi u ħassieba, li ħafna minnhom huma wkoll kollaboraturi tagħna.

*Għal aktar kontenut ta' din is-sura u biex tirċievi notifika fuq meta joħorġu dawn, abbona għall-istazzjoni ta' youtube ta' ŻfinMalra. Ara Żfin Stories u Żfin Blinks kollha fuq l-arkivju tas-sit tagħna - zfinmalta.org/resources.*

# Żeffiena tal-Kumpanija



**MARTI BLANCO ROMEU**
Imwieled f'Barċellona fl-2001, Marti beda jiżfen fi skola elementari fejn iż-żfin kien imħallat mal-mużika, aktar tard studja fil-konservatorju taż-żfin professjonali tal-Institut del Teatre, Barċellona, fejn ħadem ma' diversi żeffiena mistiedna u koreografi stabbiliti. Marti ggradwa fiż-żfin kontemporanju fl-2020 u wara ingħaqad ma' IT Dansa, Barċellona, bħala apprendist għall-ewwel sena u mbagħad bħala żeffien tal-kumpanija. Matul iż-żmienu ma' IT Dansa, hu ħadem f'repertorju estensiv u varjat ma' koreografi bħal Akram Khan, Alexander Ekman, Cayetano Soto, u Ohad Naharin, fost l-oħrajn.



**PEARL CALLEJA**
Imwielda f'Malta fl-2002, Pearl bdiet tiżfen fl-età ta' ħames snin u tharrġet fil-ballet klassiku, żfin kontemporanju, u Spanjol. Hi ggradwat minn Seed Dance Studios fl-2019 u kompliet l-istudji tagħha fiż-żfin kontemporanju fid-DAF (Fakultà tal-Arti taż-Żfin) f'Ruma taħt id-direzzjoni ta' Mauro Astolfi. Pearl ħadmet ma' bosta artisti fosthom Michele Merola, Emanuele Soavi, Roberto Scafati, Francesca Pennini, Roy Assaf, Tania Carvalho, u Emanuel Gat. Pearl ġiet nominata għall-Premju Artist Żagħżugħ tas-Sena fl-edizzjoni tal-Premju għall-Arti tal-2022. Hi ngħaqdet ma' ŻfinMalta bħala apprendist fl-2020 u mbagħad bħala żeffiena tal-kumpanija fl-2021.



**LIDIA CARICASOLE**
Imwielda l-Italja fl-1997, Lidia bdiet l-edukazzjoni taż-żfin tagħha fil-Vic Ballet Academy f'Verona. Fl-2021, iggradwat b'Baċellerat tal-Arti fiż-Żfin minn The Juilliard School fi New York, taħt id-direzzjoni ta' Alicia Graf Mack. Lidia kienet parti mir-repertorju ta' José Limon, Paul Taylor u Martha Graham, kif ukoll fi kreazzjonijiet ġodda ta' Ohad Naharin, Bryan Arias, Spencer Dickaus, Jianhui Wang, Andrea Miller, Matthew Neenan, u Allysen Hooks. Wara l-istudji tagħha, Lidia ngħatat il-Juilliard Career Advancement Fellowship għas-snin 2021-2022 u 2022-2023, rikonoxximent lill-istudenti li huma kkunsidratli bħala li se jkunu ta' impatt għall-futur tal-arti performattiva. Lidia ngħaqdet ma' ŻfinMalta fl-2022.



**NOEMI COIN ANDREOTTI**
Noemi hi żeffiena Taljana Franċiż. Hi ggradwat mill- Conservatoire National Supérieur de Paris, u fl-2019 saret żeffiena mal- Ballet de l'Opera National du Rhin in France. Hawn żifnet f'repertorju estensiv, fosthom tal-koreografi Ohad Naharin, William Forsythe, KOR'SIA, Hélène Blackburn, Alba Castillo, Bruno Bouché, Gil Harush, u Martin Chaix. Hi wkoll ħadet sehem fit-teatru mużikali, f' 'West Side Story' ta' Barry Kosky u 'On achève bien les chevaux' ta' Clément Hervieu-Leger.



**AMBER VAN VEEN**
Imwielda fl-1999 f'Amsterdam, Amber bdiet it-taħriġ tagħha fl-Akkademja Nazzjonali tal-Ballet Olandiża u lestiet l-edukazzjoni tagħha fl-iskola Royal Ballet ta' Antwerp. Wara li ggradwat fl-2018, hija daħlet bħala trainee mal-Ballet Flanders, fejn kellha l-opportunità li taħdem ma' koreografi fosthom Akram Khan, Jean-Christophe Maillot u Alexander Ekman, taħt id-direzzjoni artistika ta' Sidi Larbi Cherkaoui. Kienet ukoll apprendista fl-International Danstheater f'Amsterdam, u daret għal sena fl-Olanda u l-Belġju. Amber ingħaqdet ma' ŻfinMalta fl-2019 u minn dakinhar kienet parti minn repertorju varjat taħt id-direzzjoni artistika ta' Paolo Mangiola.



**JÉRÉMIE LAFON**
Jérémie twieled fi Franza u beda t-taħriġ fiż-żfin tiegħu fin- National Ballet School of Marseille, bejn l-2014 u l-2017. Hu ggradwa mill- Paris National Conservatoire fl-2020 b'Baċellerat, b'distinzjoni u kompla t-taħriġ tiegħu mal- Ensemble Chorégraphique junior company, u Ballet de L'Opéra National du Rhin Hu kien parti mix-xogħlijiet ta' Bruno Bouché, Ohad Naharin, Wayne McGregor, Maud Le Pladec, William Forsythe, Boris Charmatz, Tânia Carvalho, Emanuel Gat, u Paolo Mangiola, fost l-oħrajn.



**KEITH MICALLEF**
Imwieled fl-1993, Keith beda t-taħriġ taż-żfin fl-età ta' 12-il sena taħt it-tagħlim ta' Theresa Lungaro Mifsud f'The Dance Workshop. Huwa tħarreġ fil-ballet klassiku fil-Metodu Cecchetti, u kiseb Distinzjoni fil-livell Avvanzat 2. Huwa tħarreġ ukoll fi stili ta' żfin kontemporanju u flamenco. Keith ingħaqad ma' ŻfinMalta fl-2014, u minn dakinhar wettaq xogħlijiet ta' Paolo Mangiola, Jacopo Godani, Jose Agudo, Roy Assaf, Iván Pérez Avilés u Emanuel Gat, fost oħrajn. Qabel ma ngħaqad mal-kumpanija, Keith ggradwa mill-Università ta' Malta fl-Istudji Legali.



**MATTEO REAL**
Imwieled fi Franza fl-2001, Matteo beda l-ballet ta' seba' snin fil-Konservatorju ta' Toulouse u kompla l-edukazzjoni tiegħu taż-żfin fil-Konservatorju Nazzjonali ta' Pariġi. Huwa ggradwa wara ħames snin ta' taħriġ klassiku professjonali u kompla l-istudji tiegħu b'Master's fir-Repertorju u l-Kreazzjoni, għal tliet snin b'enfasi fuq stili ta' żfin kontemporanju. Huwa kien parti minn xogħlijiet ta' Wayne McGregor, William Forsythe, Hervé Robbe, Trisha Brown, Boris Charmatz, u Maud le Pladec, fost l-oħrajn.



**SIMON RICCARDI-ZANI**
Imwieled fl-1998 f'Nizza, Franza, Simon beda t-taħriġ taż-żfin ta' tmien snin, u kompla l-istudji tiegħu fl-Iskola tal-Ballet tal-Opera ta' Pariġi. Huwa kompla l-edukazzjoni tiegħu fiż-żfin kontemporanju u ggradwa fl-2019 mill-Konservatorju Nazzjonali ta' Pariġi. Simon ingħaqad ma' ŻfinMalta fl-istess sena, u minn dakinhar wettaq xogħlijiet ta' Paolo Mangiola, Roy Assaf, Emanuel Gat, Jacopo Godani, Tânia Carvalho, fost l-oħrajn. L-ewwel xogħol koreografiku ta' Simon ġie kkummissjonat fl-2022 bħala parti mill-programm biennali ŻfinMade.



**LOTTE LA HAYE**
Lotta twieldet fl-2000 in-Netherlands. Mill-2009, l-edukazzjoni taż-żfin tagħha f' The Royal Conservatoire of The Hague inkludiet kemm l-School for Young Talent u the HBO Bachelor Program. Mill-2014 sal-2018 hi kienet parti mill-Young Talent project tan-Netherlands Dance Theatre (NDT), kollaborazzjoni bejn l- NDT u The Royal Conservatory of The Hague. Hawn kienet parti mix-xogħlijiet ta' Jiří Kylián, Johan Inger u Ohad Naharin. Lotte mbagħad saret apprendist ma' Scapino Ballet Rotterdam fl-2018, taħt id-direzzjoni ta' Ed Wubbe. Hi ngħaqdet ma' ŻfinMalta fl-2021.

## Żeffiena f'Apprendistat



**MARION PAQUET**
Marion Paquet twieldet fi Franza u bdiet il-ballet ta' erba' snin. Hi attendiet l-Iskola Nazzjonali taż-Żfin ta' Marsilja, u Codarts Rotterdam fejn ingħaqdet mal-kumpanija taż-żfin Codarts fit-tielet sena tagħha. Hi ħadmet ma' diversi koreografi, fosthom Roy Assaf, Andonis Foniadakis, Ed Wubbe, Michel Kelemenis, u Cayetano Soto, fost l-oħrajn. Marion ingħaqdet ma' ŻfinMalta bħala apprendista fl-2023.



**BENJAMIN SPITERI**
Imwieled fl-2003 f'Malta, Benjamin beda t-taħriġ fiż-żfin ta' 11-il sena fejn kien jiżfen diversi stili fosthom ballet, kontemporanju, hip-hop, u jazz. Fl-2020, huwa mar fir-Renju Unit biex jitħarreġ fl-Elmhurst Ballet School fejn studja ballet klassiku u kontemporanju, kif ukoll jazz, flamenco u l-pjanu. Huwa ggradwa fl-2023 b'Diploma tas-6 Livell ta' Trinity. Huwa kient parti minn siltiet ta' Morgan Runacre-Temple, Mark Baldwin OBE, Jordan James Bridge, Avatâra Ayuso, u Cris Penfold, kif ukoll minn repertorju klassiku minn Sir Frederick Ashton u Sir David Bintley CBE. Ben ingħaqad ma' ŻfinMalta bħala apprendist fl-2023.

## Il-Kumpanija



**PAOLO MANGIOLA,**
**Direttur Artistiku**
Paolo Mangiola huwa koreografu, edukatur taż-żfin u artist li jaħdem fi ħdan il-prattika tal-ballet u żfin kontemporanju. B'mod li jopera fix-xquq bejn iż-żfin kodifikat u l-moviment ordinarju, Paolo huwa interessat li jesplora din ir-relazzjoni fil-kuntest tas-soċjetà interkonnessa tagħna, billi jsib ispirazzjoni minn sorsi artistiċi varji, l-internet, u movimenti emerġenti.

Bħala artist Paolo ikkollabora u żifen ma' artisti u koreografi fosthom Wayne McGregor, Deborah Hay, Martin Creed, u Mauro Bigonzetti. Paolo ħoloq xogħlijiet għar-Royal Ballet, Tanztheater Nürnberg, Aterballetto, Szczecin Opera Ballet u Balletto di Roma. Huwa kiseb Master's fil-Koreografija f'The Place, Londra, u ddisinja l-programm għad-Dipartiment taż-Żfin Kontemporanju, Scuola del Balletto di Roma. Paolo inħatar koreografu residenti fil-Balletto di Roma fl-2015, fejn baqa' għal tliet staġuni. Fl-2017, hu nħatar bħala Direttur Artistiku ta' ŻfinMalta, il-kumpanija nazzjonali taż-żfin ta' Malta.



**CHRISTABEL BORG PRECA,**
**Kap tal-Aġenzija**
Christabel ingħaqdet ma' ŻfinMalta f'Diċembru 2021 bil-għan li ssaħħaħ l-istrateġija tal-operat tal-aġenzija. L-isfond ta' Christabel għandu l-għeruq fl-istrateġija u l-politika u għandha Master's fil-ġestjoni strateġika u l-Politika Pubblika. L-interessi akkademiċi ewlenin tagħha jinsabu fil-qasam tal-kreattività u l-interazzjoni tal-kreattività mal-politika u l-edukazzjoni, partikolarment l-edukazzjoni STEAM. Christabel kellha diversi rwoli fl-amministrazzjoni tal-arti, u bdiet il-karriera tagħha fl-2014 bħala amministratur ma' Odd Arts, kumpanija tat-teatru tal-komunità bbażata fir-Renju Unit. Minn dakinhar 'l hawn, hija okkupat karigi fit-tmexxija kulturali mal-fondazzjoni Valletta 2018, il-Kunsill Malti għall-Arti, u l-Ministeru għall-Edukazzjoni f'Malta.



**NICOLE BEARMAN,**
**Produttur**
Nicole hija produttur kulturali b'aktar minn 25 sena esperjenza fil-ħolqien ta' programmi, avvenimenti u pubblikazzjonijiet għal spazji tal-arti kontemporanja, mużewijiet, universitajiet, u festivals, inklużi ŻfinMalta, Blitz, Malta Design Week, il-Mużew tal-Arti u Xjenzi Applikati ta' Sydney, il- Biennale ta' Sydney, Sydney Design Festival, u Australian Design Centre. Hi ħadmet ukoll kemm bħala editur kif ukoll bħala kontributur għal bosta rivisti internazzjonali tal-arti, l-arkitettura u d-disinn. Nicole ggradwat fl-Arti Viżiva u anka fl-Istudji tal-Mużewijiet, mill-Università ta' Sydney. Hija ingħaqdet ma' ŻfinMalta fl-2019 bħala Produttur ta' 'Threaded Fine', ta' Rosemary Lee, u fl-2020 inħatret bħala l-Produttur tal-kumpanija.



**MARTINA ZAMMIT,**
**Artist għall-Edukazzjoni u s-Sensibilizzazzjoni**
Martina twieldet Malta fl-1987. Hi żifnet mal-Olivia Dow School of Russian Ballet f'Malta, fejn studjat il-Legat System. Martina ggradwat tlitt darbiet milll-Università ta' Malta, f'Baċellerat fl-Ingliż u fl-Arkeoloġija, u segwit minn Master's fil-Letteratura u l-Kritika Ingliża, Moderna u Kontemporanja. Wara għamlet Baċellerat fl-Istudji taż-Żfin, li huwa fejn ġiet introdotta għaż-żfin kontemporanju. Martina ingħaqdet ma' ŻfinMalta bħala żeffiena tal-kumpanija fl-2014, u ilha mill-2018 fl-irwol ta' Artist għall-Edukazzjoni u s-Sensibilizzazzjoni.



**SUZANNA NIKOLIC,**
**Maniġer għall -Marketing u l-Komunikazzjoni**
Imwielda Malta, Suzanna ggradwat mill-Università ta' Malta b'Baċellerat fil-Kummerċ fl-2019. Hi kompliet l-istudji tagħha fl-Università ta' Lund fl-Isvezja fejn kisbet Master's fil-marketing internazzjonali u l-ġestjoni strateġika tad-ditti. Suzanna ngħaqdet ma' ŻfinMalta fl-2023. Apparti li tiżgura li l-preżenza ta' ŻfinMalta hija magħrufa u kontinwament tinnova ruħha, hija tassew tieħu pjaċir tkun attiva fl-isports u tieħu gost tivjaġġa.



**EMMA LOUISE WALKER,**
**Uffiċjal għa-l-Marketing, il-Komunikazzjoni u l-Amministrazzjoni**
Emma twieldet fir-Renju Unit. Hija ġiet aċċettata bħala assoċjat fir-Royal Ballet School, u pparteċipat f''Blink Margate', fejn ħadmet mal-Kumpanija Wayne McGregor. Aktar tard iggradwat bl-Unuri tal-Ewwel Klassi mill-Iskola Ċentrali tal-Ballet u ntgħażlet għas-sena pilota tal-programm AKX ta' Akram Khan. Fl-2018, Emma daret ir-Renju Unit bil-produzzjoni tat-teatru DeNada Dance 'Toro', ta' Carlos Pons Guerra. Emma ngħaqdet ma' ŻfinMalta bħala apprendista fl-2015, u żeffiena full-time fl-2018, fejn ħadmet ma' koreografi fosthom Paolo Mangiola, Jacopo Godani, u Tânia Carvalho. Emma issa taħdem għal ŻfinMalta fil-marketing, il-ħolqien tal-kontenut u l-edukazzjoni.

ŻFINMALTA
NATIONAL DANCE COMPANY

**IS-SOSTENITURI TAGĦNA**

Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

SPONSERS TAL-ISTAĠUN

VisitMalta FACES®

SOSTENITURI

medirect · GVERN TA' MALTA MINISTERU GĦAL GĦAWDEX · Direttorat għall-Wirt Kulturali · UNIT · MALTA INTERNATIONAL ARTS FESTIVAL · OSTEOPATHY MALTA · Istituto Italiano di Cultura · EDEN CINEMAS · Ambassade de France à Malte · Notte Bianca · Toi Toi Teatru Manoel

GRAZZI GĦALL-IMSIEĦBA TAGĦNA TAL-AKKOMODAZZJONI
Elisa u Simon Grech

**IĊ-ĊIRKU TAD-DIRETTUR ARTISTIKU**
Valeria & Jordi Goetstouwers Odena
Dr Joanna Delia
Samantha Rowe-Beddoe u Gregory Nasmyth

**AGĦTINA L-APPOĠĠ TIEGĦEK**
L-appoġġ tiegħek għall-ŻfinMalta jiżgura li nkomplu nwettqu xogħlna bħala waħda mill-kumpaniji ewlenin ta' żfin kontemporanju tar-reġjun. Bl-involviment tiegħek, int tkun qiegħed tipprovdi appoġġ essenzjali għall-programmi u l-produzzjonijiet artistiċi tagħna, il-programm taż-żjajjar, attivitajiet ta' edukazzjoni u parteċipazzjoni għall-etajiet kollha u programmi ta' żvilupp professjonali. Fuq kollox, int se tkun parti mill-isbuħija u l-ferħ li jġib miegħu ż-żfin kontemporanju u nafu li l-għotja tiegħek, irrispettivament mid-daqs, se tkun ta' valur kbir għalina.

Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil: **Nicole Bearman, Produttur**
**T.** +356 99999520
**E.** nicole.bearman@zfinmalta.mt

**GOVERNANZA NAPA**
Il-kumpanija nazzjonali taż-żfin ŻfinMalta hija parti mill-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva (NAPA), aġenzija pubblika li tipprovdi qafas legali, amministrattiv u organizzattiv konġunt għal KorMalta, Teatru Malta u ŻfinMalta.

BORD TAD-DIRETTURI
Alison White (Chair), Kate De Cesare, Andrea Cassar, Mary Ann Cauchi, Joanne Butterworth, Felix Busuttil, Adrian Mamo

TIM EŻEKUTTIV
Dominic Galea, Kap Eżekuttiv
Christabel Borg Preca, Aġent Direttur għall-Amministrazzjoni

**KOPRODUTTURI**

BALLET D'JÈRRI

Ballet D'Jerri, il-kumpanija nazzjonali taż-żfin ta' Jersey Island, UK

**ĦAJR**
**Editur:** Nicole Bearman
**Ritratti:** Kurt Paris
**Disinn:** Marie Claire Cremona

**ŻfinMalta**
**Kumpanija Nazzjonali taż-Żfin**
Dar il-Mediterran għall-Konferenzi
Triq l-Isptar,
Valletta VLT 1645, Malta

**T.** +356 2099 4532
**E.** info.zm@zfinmalta.mt

**zfinmalta.org**

